**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 355/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ryan Briffa**

Illum; 31 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Ryan Briffa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 169990M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Lulju, 2017, fil-hin ta' bejn l-22:00 PM u l-22:45 PM, gewwa l-Gzira:

1. Kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti fuqu b'digriet mill-Qorti tal-Magistrati, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D., liema digriet huwa datat 22 ta' Frar, 2013, u dan peress illi fid-data msemmija, huwa naqas li jhares il-kondizzjonijiet jew xi kondizzjoni li kienet imposta fuqu fl-imsemmi digriet kif kien obbligat li jaghmel u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva. Ai termini tal-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rrevokat *contrario mperio* id-digriet li permezz tieghu, l-hati nghata l-helsien mill-

arrest mill-Qorti, kif ippreseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli, nhar it-22 ta' Frar, 2013, u ordnat l-arrest mill-gdid tieghu w in oltre, ordnat il-konfiska tas-somma ta' tlett elef ewro (€3,000), rapprezentanti l-garanzija personali mposta fuq il-hati permezz tal-imsemmi digriet favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ryan Briffa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2017, fejn talab lill-Qorti tilqa' l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu w minflok tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah minnha jew sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena iktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Ryan Briffa lihuma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-aggravji tal-esponenti jikkonsistu fis-segwenti:

**A. <u>Apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u tal-fatti fir-rigward tas-sejbien tal-htija.</u>**

Illi l-appellant jirrileva li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant, il-Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant.

Illi fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet diversi pulizija jixhdu izda nkredibbiliment u minghajr ebda spjegazzjoni ma tellghetx lill-uniku xhud pajzan, u cioe', l-anzjan illi seta' qal lill-Qorti l-akkadut u jaghti spjegazzjoni tac-cirkostanzi tal-kaz. Illi l-appellant jirrileva li l-Prosekuzzjoni ghandha ggib xhieda kemm a kontra u kemm a favur tal-appellant u ma tistax tillimita ruhha biss ghax-xhieda illi tahseb illi se jkunu favuriha biss. Illi f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' lill-anzjan illi kien qed jakkumpanja lill-appellant fil-karozza u bbazat biss ix-xhieda taghha fuq il-Pulizija li waqqfu lill-appellant. Illi dan in-nuqqas huwa lampanti ferm stante li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li ttella' lil dan l-anzjan jixhed sabiex jikkorrobora o meno l-verzjoni moghtija mill-appellant.

L-appellant kellu dritt illi ma jixhidx fil-proceduri odjerni izda nonostante dan huwa ghazel illi jixhed u jispjega c-cirkostanzi fil-kaz u jaghti spjegazzjoni il-ghala kien jinsab barra l-hin ravvizat mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe' *beyond reasonable doubt*. Cio' nonostante, pero', l-appellant ghazel li jixhed u jispjega l-verzjoni tal-fatti minnu ravvizata. Illi l-appellant jirrileva illi kien hemm kunflitt ta' provi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u x-xhieda mressqa mill-appellant innifsu liema kunflitt ghandu jillimita favur l-appellant.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol, III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero', huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker':

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza tgahha fuq bazi ta' probabbilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz dojern, jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu, dawn ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Peter Ebejer', fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombru ta' dubbju. Id-dubbju ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt, dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs Minister of Pension – 1974 – ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so sotrong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, of course it is possible but not in the least probable, the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru, 2002, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara' fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti, u cioe', jistghu jigru zewg affarijiet, u cioe', jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacament ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi in oltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi l-ezercizzju illi kellha taghmel l-Ewwel Onorabbli Qorti kien jekk f'dan il-kaz partikolari l-allegat ksur kienx gustifikabbli stante li l-istess appellant stqarr illi huwa kien barra l-hinijiet tar-rinkazar peress illi ried imur l-isptar b'urgenza. Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibbilita' tal-appellant u dan billi l-Qorti trid taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tieghu, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jekk hijiex kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'kazijiet bhal dawn, il-Qrati dejjem irritinew certu elementi li jridu jigu ppruvati sabiex ir-reat jissussisti. Infatti, fil-kawza bl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat', moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per il-Magistrat Joseph Mifsud nhar il-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), l-Qorti rriteniet is-segwenti:

*Il-Prosekuzzjoni sostniet: 'l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, datati 8 ta' Frar, 2011, u fejn l-istess Prosekuzzjoni giet ezentata mid-Difiza sabiex tressaq lill-Ufficjal Prosekutur, s-Supretendent Dennis Theuma, bhala xhud tal-identita'. Illi fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tal-24 ta' Mejju, 2013, bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti l-vera*

*kopja tal-kondizzjonijiet u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghadha tiehu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet tat-8 ta' Frar tal-2011 biss.'*

*Id-Difiza rribattiet: 'L-Ufficjal Prosekutur qed jghid huwa stess li 'bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti l-vera kopja tal-kondizzjonijiet'. Il-fatt li l-Prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq bhala xhud lill-Ispettur Dennis Theuma bhala xhud tal-identita' ma tistax taghmel tajjeb ghall-prova mankanti tal-kondizzjonijiet tal-bail li l-Prosekuzzjoni qieghda takkuzah li kiser. Fil-kawza prezenti, galadarba ma gewx esebiti in atti l-kondizzjonijiet tal-bail, zgur li l-gudikant ma jistax jasal biex jara jekk kienx hemm xi kondizzjoni jew kondizzjonijiet tal-bail li gew miksura. Barra minn hekk, ix-xewqa espressa mill-Prosekuzzjoni li 'din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet tat-8 ta' Frar, 2011 biss" mhix kompatibbli mal-principju legali "Quod non est in actis non est in mundo". Il-konkluzjoni dwar ksur ta' xi kondizzjoni trid tirrizulta mill-atti u mhux minn xi assunzjoni jew finzjoni jew presunzjoni. Ghalhekk, jekk il-prova ma tinsabx fil-process, l-imputazzjoni ma treggix u ma tistax tinstab htija." [...] Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti processwali u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.*

In oltre, fil-kawza bl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Hussein Hamada', deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per il-Magistrat Neville Camilleri, nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2016), l-Onorabbli Qorti eccepiet is-segwenti:

***F'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.***

*Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skond l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz, din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk,* ***il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement sal-grad rikjest mill-ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.***

Illi f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni li l-appellant kien barra mill-hinijiet tar-rinkazar u dan peress illi kien xi saghtejn wara l-hinijiet illi suppost kien gewwa daru izda jigi rilevat illi l-appellant kellu ragunijiet validi ghala kien barra. Illi jigi rilevat illi fil-fatt kif xehed l-appellant hu stess huwa kien fi triqtu lejn l-isptar u dik kienet ir-raguni il-ghala huwa hareg minn daru f'dawk il-hinijiet. Illi inoltre kif spjega hu stess meta xehed bil-gurament huwa ha lill-gar tieghu mieghu illi f'dawk il-hinijiet kien qieghed mieghu w mal-familjari tieghu sabiex ikun jista' jakkumpanjaw gewwa l-isptar halli jekk jinqalalu xi haga jkun hemm xi hadd illi jkun jista' jassistih.

L-appellant ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u bhala gustifikazzjoni ghall-fatt li huwa kien jinsab barra wara l-hin tar-rinkazar, huwa jghid illi kien fi triqtu lejn l-isptar.

Fil-fatt, huwa jispjega li waqt illi kien id-dar u mieghu kien hemm gar anzjan certu Paul D'Amato, huwa hass ugigh f'sidru w mar minnufih bil-karozza lejn l-isptar akkumpanjat minn dan l-anzjan halli jekk jinqala' xi haga jkollu min jiehu hsiebu. Illi inoltre huwa jispjega wkoll illi ghadda minn Triq Rue D'Argens ghax it-triq l-ohra ghall-isptar kienet maghluqa u ma setghax jghaddi minnha u kien ghalhekk illi ghadda b'dak il-mod. Illi la l-Prosekuzzjoni u lanqas il-Qorti ma tistax tassumi u/jew tallega illi huwa m'ghaddhiex minn hemm ghax ma kienx sejjer lejn l-isptar stante illi kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll il-Qorti trid toqghod fuq fatti u mhux assunzjonijiet iktar u iktar meta l-istess appellant spjega x'wasslu biex ghaddha minn dik it-triq u mhux ohra.

Inoltre, jigi rilevat illi ghalhekk l-appellant instab barra hin mhux b'kapricc izda biss sabiex ikun jista' jigi medikat u jiccekkja l-ugiegh li kellu f'sidru minn fejn kien gej. Illi jigi rilevat illi l-Ufficjali tal-Pulizija qabel ma waqqfuh ma sabu jew ma raw l-ebda attivita' llegali u ghalhekk il-fatt illi l-appellant kien barra l-hin tkompli turi li kienet haga genwina u gejja mill-fatt illi hass dan l-ugiegh. Illi kif spjega l-appellant stess, huwa ghandu wkoll problemi psikjatrici u fil-fatt huwa segwit minn anke konsulenti u psikjatri u dan iktar kellu jwassal lill-Qorti biex tikkunsidra u tevalwa l-kondizzjoni tal-appellant b'iktar attenzjoni. Illi jigi rilevat wkoll illi fil-fatt meta gie mehud il-lock up huwa sussegwentement ittiehed gewwa l-polyclinic liema tobba tal-polyclinic qalu li l-appellant ma kienx ta' jdejhom u ahjar illi kieku kellu jmur l-isptar ghall-iktar osservazzjonijiet u testijiet sabiex jizguraw u jiccaraw minn fejn kien gej l-ugigh illi kien qieghed jilmenta dwaru l-appellant. Illi fil-fatt, l-appellant spicca biex dakinhar li gie arrestat huwa mar l-isptar Mater Dei (u dan kif muri mid-dokument illi hemm esebit fil-process) fejn sahansitra mill-isptar gie rrakomandat lilu sabiex jibqa' l-isptar ghal izjed testijiet u allura dan ikompli jzid fil-kredibilita' ta' dak allegat mill-appellant.

Illi ghalhekk tenut kont u in vista ta' dak kollu li inghad, din l-Onorabbli Qorti ghandha tasal ghall-konvinciment morali li l-appellant ghalkemm verament kien barra l-hinijiet tar-rinkazar huwa kien barra tali hinijiet minhabba gustifikazzjoni reali u minhabba ragunijiet ta' sahha urgenti li wassluh sabiex ikollu johrog mid-dar habta u sabta sabiex jirrikorri ghall-isptar b'mod urgenti u l-Ufficjali tal-Pulizija waqqfuh kumbinazzjoni fi triqtu lejn l-isptar. Dan ifisser ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex issib htija fl-appellant stante li huwa ma kisirx il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest b'kapricc izda biss biex ikun jista' jmur l-isptar b'mod urgenti.

B. **<u>Il-ksur tal-Kundizzjoni illi l-esponent jirrinkaza lura f'daru huwa wiehed minimu</u>**

Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent, jigi sottomess *illi dato ma non concesso* illi vera kien hemm ksur, il-Qorti skartat il-predisposti tal-Artikolu 412A subartikolu (3), meta naqset milli tikkonsidra l-allegat ksur bhala wiehed minimu. L-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha fil-konfront tal-esponent naqset milli tikkunsidra ukoll illi l-ksur ta-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kien wiehed minimu u dan peress illi huwa kien barra l-hinijiet tar-rinkazar biss saghtejn iktar tard u ghaldaqstant il-ksur kien wiehed minimu. Mhux talli l-esponent twaqqaf mill-Pulizija xi ftit hin biss fuq il-hin tar-rinkazar tieghu IZDA l-Onorabbli Qorti riedet tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt illi huwa kien fil-kumpanzija ta' persuna anzjana, ma rrizultax mill-investigazzjoni mal-Pulizija illi kien qieghed jaghmel xi haga illegali u apparti l-fatt illi hu kien biss barra minhabba ragunijiet ta' sahha.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tezamina bir-reqqa l-provi imressqa quddiem l-Ewwel Qorti kemm mill-prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiza. Illi ghalkemm il-Qorti tal-Appell ma tkunx mhegga tirrevoka sentenza tal-Ewwel Qorti, IZDA f'certi sitwazzjoni dan ikollu jsehh sabiex titwettaq gustizzja. Illi kif gie kwotat u ritenut fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Dustin Bugeja</u>** moghtija nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena kurrenti (2016), minn din l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Imhallef Edwina Grima.

*Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WINGERY fil-kawza "R. v. Cooper" [1969]:- "assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (f'dan il-kaz il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Magistrat), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal of the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Confer also: BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392). Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-QOrti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.*

Ghaldaqstant, kieku l-Ewwel Onorabbli Qorti hadet in konsiderazzjoni l-Artikolu 412A, subartikolu (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija setghet ma tikkonfiskax, a favur il-Gvern ta' Malta, l-imsemmija depoziti u garanziji illi ghandu l-esponent.

Fil-kaz odjern l-Onorabbli l-Ewwel Qorti mhux talli ikkonfiskat il-garanzija personali tal-appellant izda wkoll ikkundannat lill-appellat ghal disa' xhur (9)

prigunerija u kif ukoll irrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-appellant u ordnat l-arrest tieghu mill-gdid. L-Onorabbli l-Ewwel Qorti, f'kaz ta' htija kellha l-ghazla illi la tikkundanna lill-appellant ghall-piena karcerarja u lanqas li tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest tieghu. Hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tilqax it-talba tal-Prosekuzzjoni illi jigi rrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-akkuzat. In oltre, a rigward tal-konfiska tal-garanzija personali, l-esponent jerga' jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dustin Bugeja**, fejn il-Qorti tal-Appelli Kriminali rriteniet is-segwenti:

*Il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-appellanti ipprova iqarraq mhux biss bil-pulizija izda ukoll bil-gustizzja meta huwa holoq messa in xena sabiex jipprova jahrab l-id tal-gustizzja fuqu. Madankollu maghmula dawn l-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax tinjora l-fehma espresso mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem in materja. Illi fil-kaz* ***Gatt vs Malta*** *deciza fis-27 ta' Ottubru 2010 (applikazzjoni numru 28221/08), iccitata mill-appellanti gie deciz hekk: "The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trail, and conditions related to other considerations however, it gave the authorities discretion not to apply the said provision of the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of grating bail, the Court has difficulty in understanding the authorities decision to apply the relevant Article. In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law in deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results. "Illi dan il-hsieb tal-Qorti Ewropeja gie imbaghad applikat fil-kawza John Grima vs Avukat Generali deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn inghad: "..meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet impost fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita' tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita' bejn il-privazzjoni tal-liberta' u t-twettiq tal-obbligu preskritt mill-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm 'ceiling' ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita'".*

*Illi illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta' l-Att VIII tal-2015 dina id-distinzjoni madankollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "blanket provision" li ma thalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issa tassattivament issir dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew de minimis.*

Illi ghaldaqstant, minkejja illi prezentement il-Ligi nostrana tiddetta illi f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, l-akkuzat ghandu jkollu d-depozitu u l-garanzija personali konfiskati favur il-Gvern ta' Malta, din il-LIgi diga' giet kritikata kemm mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta u kif ukoll mill-Qorti Ewropea.

## C. Piena Inflitta

Di piu, fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tafx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena nflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajd pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. Illi bosta drabi, l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Stephen Spiteri' moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu w tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilita' li huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza... tara illi huwa opportun illi jnehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero', llum il-kuncett mhux aktar ta' piena retribbutiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki li jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu li ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Terry Graham', datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

*Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f'dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005, fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovvjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda ncident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008.*

*Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda tal-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkum mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma bih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f'dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fis-socjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat 'a window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il-Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament.*

*Finalment, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs George Farrugia' moghtija nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) fejn il-Qorti tenniet:*

*Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din il-fedina penali tiehu xejn inqas minn 42 faccata. L-appellant illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbgin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni tal-appellat hija rriversibbli fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' rriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu ndikat biss ghal 'first offenders' zghazagh.*

***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Illi l-appellant jirrileva illi in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, l-piena karcerarja ta' disa xhur prigunerija, r-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest u l-konfiska tas-somma tal-garanzija personali huma eccessivi u ma joholqux dak il-bilanc tant accennat bejn l-aspett riformattiv u l-aspett retributtiv.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant, fl-aggravji minnu intentati, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u dan meta ghazlet li ma taghtix affidament lil verzjoni tieghu tal-fatti fejn sahaq illi huwa gie misjub barra wara il-hin ta' rinkazar ghaliex kellu johrog minhabba emergenza ghaliex hass ugigh f'sidru. Ta' dan kien hemm xhud certu Paul D'Amato li kien qed jakkompanjah, izda li l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressqu bhala xhud. Iqies ukoll illi l-infrazzjoni minnu kommessa tal-kundizzjonijiet imposti fuqu ghal liberta provvizorja kienet *de minimis* u allura l-Ewwel Qorti kellha tkun iktar miti fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza sabiex tqies jekk l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti setax kien wiehed erronju kemm fuq bazi fattwali kif ukoll legali. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha [1].

Jirrizulta illi nhar is-16 ta' Lulju 2017 għall-ħabta tal-10:45 ta' fil-ghaxija, il-pulizija interċettaw lill-appellant fil-vettura tiegħu tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni CBV307 filwaqt illi kien qiegħed isuq fit-telgħa ta' Rue D'Argens gewwa l-Imsida. L-appellant ghalhekk gie imwaqqaf peress illi instab barra wara l-hin tieghu ta' rinkazar ta' bejn it-8pm u s-6am, rinkazar impost fuqu permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati. Mill-insegwiment maghmul mill-pulizija, l-appellant gie innutat jipprosegwi minn Triq il-Wied tal-Imsida ghal Triq Rue D'Argens direzzjoni lejn Triq Testaferrata fil-Gzira fejn waqaf mal-ġenb ftit qabel il-pompa tal-petrol, f'żona maghrufa għall-prostituzzjoni. Hemmhekk infetħet il-bieba tal-passiġier iżda ma laħaq ħareġ ħadd mill-vettura għaliex gew mizmuma mill-pulizija. L-appellant ġie arrestat u meta mitkellem mill-pulizija saħaq illi kien qed jakkumpanja il-persuna li kienet miegħu fil-karrozza l-isptar, peress li kien qed ibati b'ugigh f'qalbu. Meta imbaghad l-pulizija tkellmu ma dan l-individwu, certu Paul D'Amato li kien fil-vettura tal-appellant, hu saħaq illi ma kellux bżonn ambulanza sabiex jiġi akkumpanjat l-isptar. Wara dan l-appellant ġie mehud gewwa l-*lock up* tal-pulizija għal aktar stħarriġ fejn kif wasal beda jilmenta minn uġigħ f'sidru, izda meta gie mehud l-isptar ghal aktar testijiet, dawn irriżultaw fin-negattiv. L-appellant lanqas ried jibqa' l-isptar ghal aktar osservazzjoni u gie rilaxxjat.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Meta imbaghad l-għada l-appellant rega' ġie mitkellem mill-pulizija ghalkemm ma nnegax li kien barra wara l-ħin tar-rinkazar in kwistjoni, saħaq illi kien sejjer l-isptar u li xi erbat ijiem qabel il-pulizija kienu waqqfuh għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu u ma kenux arrestawh. Meta jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant jikkontendi illi kien sejjer l-isptar peress illi kien hu li kellu uġigħ f'sidru u mhux Paul Damato, li huwa ġar tiegħu, u li dan kien biss akkumpanjah biex jassistieh. Allega wkoll illi l-pulizija ma kenitx emmnitu li kellu bżonn jittieħed l-isptar u kien biss xi ħin wara illi ħaduh fejn iddeċieda li jitlaq mill-isptar biex imur ikellem avukat.

Ikkunsidrat:

Illi jidher illi l-appellant mhuwiex qed jiċħad illi hu kien barra wara l-ħinijiet tar-rinkażar imposti fuqu fiż-żmien in kwistjoni iżda qed jintenta jiġġustifika dan il-fatt billi jgħid illi kellu raġuni valida li jkun barra peress illi kellu bżonn imur l-isptar sabiex jingħata l-kura meħtieġa, ghalkemm fil-mument tal-arrest tieghu jikkontendi illi kien Paul D'Amato li kellu bzonn imur l-isptar u hu kien qed jakkompanjah.

Issa fost ir-ragunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ma taghtix affidament lil verzjoni tal-appellant kien il-fatt illi it-tragitt li kien qed isewgi l-appellant ma kienx wiehed li kien ser iwasslu ghall-isptar Mater Dei. Fil-fatt jirrizulta illi l-appellant ha d-direzzjoni lejn Triq Testaferrata gewwa l-Gzira u waqaf hemmhekk u ma jidhirx illi kellu xi emergenza tant serja li wasslitu fid-direzzjoni tal-isptar. Issa huwa jikkontendi illi qabad dik ir-rotta peress illi t-triq li tagħti għall-isptar mill-Imsida kienet magħluqa u li kien għalhekk li għadda minn Rue D'Argens. Il-prosekuzzjoni min-naħa tagħha tat verżjoni differenti u opposta għal dik tal-appellant fejn il-pulizija ndikaw illi ma kien hemm l-ebda toroq magħluqa kif allega l-appellant,

Mhux biss izda l-appellant biddel il-verzjoni tieghu tal-fatti meta ghall-ewwel jistqarr li kien Paul D'Amato li kellu bzonn imur l-isptar u hu kien qed iwasslu, imbaghad ighid bil-maqlub. Dan Paul D'Amato izda ma jingieb qatt biex jixhed mill-appellant sabiex jikkonferma l-verzjoni tieghu tal-fatti. Jipprova ukoll jiġġustifika l-aġir tiegħu billi jallega li xi jiem qabel kien ġara inċident simili fejn il-pulizija kienu waqfuh fis-siegħa ta' filgħodu u kienu ħallewh jitlaq bil-barka tal-ispettur Cuschieri.

Ikkunsidrat:

L-appellant jigi akkuzat bil-ksur ta' dak dispost fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali li johloq reat meta jinghad:

> **Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.**

Jibda biex jingħad illi l-legislatur ma ghamilx distinzjoni bejn in-natura tal-ksur u cioe' jekk dan ikunx xi wiehed serju li ser jimpingi fuq il-kors tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jew inkella jekk dan ikunx wiehed minimu, ghalkemm id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem sahhqu li din id-distinzjoni trid issir[2].

Illi dan maghdud, madanakollu, ghalkemm *ictu oculi* l-ksur kommess mill-appellant jidher li huwa wiehed *de minimis*, kif jikkontendi hu fir-rikors tal-appell, meta imbaghad jitqiesu ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fid-dawl tal-fedina penali tal-appellant u r-recidivita tieghu, ma jidhirx illi l-Qorti errat fid-decizjoni taghha. Mhux biss l-appellant ma jistax jitwemmen meta jishaq illi huwa hareg wara il-hin ta' rinkazar impost fuqu ghaliex ried imur l-isptar, izda jidher illi din kienet prattika kostanti tieghu li jinjora l-ordni tal-Qorti u jaghmel dak li jidhirlu hu. Dan jirrizulta mhux biss mill-fatt illi xahar qabel, kif tajjeb tosserva l-Ewwel Qorti huwa gie misjub hati tal-istess reat, izda *ex admissis* jirrizulta illi rega' gie misjub barra wara l-hin xi gimgha qabel fejn ma kienu ittiehdu l-ebda passi fil-konfront tieghu u allura hass li kien inghata xi barka specjali biex ma jobdiex l-ordnijiet tal-Qorti.

Illi anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen lill-appellant meta ighid li kellu bzonn imur l-isptar, kienet tistenna illi huwa jinforma lill-pulizija f'dan is-sens, haga li ma jidhirx li kien fi hsiebu li jaghmel. Mhux biss izda ghalkemm ighid li kien mugugh u marid, madanakollu kien bizzejjed b'sahhtu biex isuq il-vettura huwa stess minflok sejjah ghall-ambulanza.

---

[2] **<u>Gatt vs Malta</u>** deciza fis-27 ta' Ottubru 2010 (applikazzjoni numru 28221/08),

L-appellant ma jitwemminx allura fid-deposizzjoni tieghu. Ma ighidx il-verita meta jishaq illi kien jinsab gewwa Triq Testaferrata ghaliex it-triq li tiehu lejn l-isptar kienet maghluqa. Il-Pulizija jikkonfermaw illi dan ma kienx il-kaz u l-appellant ma ressaq l-ebda prova kuntrarja f'dan is-sens. Huwa evidenti li r-rotta li ha l-appellant kienet ser tiehdu f'post iehor u mhux l-isptar tant illi kif wasal gewwa Triq Testaferrata, huwa waqqaf il-karrozza u l-passiġier li kien rikeb mieghu kien ser jinzel mill-vettura. Kif ma jitwemminx lanqas meta jallega illi kellu ugiegh f'sidru tant illi l-ezamijiet medici li isirulu jirrizultaw fin-negattiv u lanqas ried jibqa' l-isptar ghal aktar osservazzjoni kif mitlub jaghmel.

Ikkunsidrat:

Stabbilit ghalhekk illi l-appellant huwa bniedem li ftit li xejn jaf joqghod ghall-ordnijiet tal-Qorti anke meta dawn ma jkunux oneruzi, ma jidhirx illi l-piena inflitta fuqu hija wahda eccessiva. Jibda biex jingħad illi l-piena minima għar-reat in eżami huwa ta' erba' xhur priġunerija, bil-massimu jitla' sa sentejn. Illi allura l-piena erogata ta' disa' xhur priġunerija hija waħda li mhux biss taqa' fil-parametri tal-ligi, izda tqarreb aktar lejn il-minimu. Kif inghad, f'dan il-kaz ghalkemm il-ksur ma kienx wiehed li kien ser jostakola l-andament tal-kaz pendenti kontra tieghu, madanakollu kien wiehed ripetut, bl-appellant juri l-intenzjoni tieghu li ma joqghodx ghall-awtorita tal-Qorti. In oltre l-Ewwel Qorti ddikjarat lill-appellant reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Liġijiet ta' Malta illi filwaqt li ma jwassalx għal żieda fi grad tal-piena mponibbli fuqu, tirrefletti izda l-karattru refrattarju tal-appellant tul is-snin, kif evidenzjat mill-fedina penali tiegħu piuttost voluminuza.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(FT) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur